MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tad-9 ta' Awwissu, 2013

Numru. 751/2013

**Il-Pulizija**
**[Spettur Prisiclla Caruana]**

**vs**

**Nicholas Cutajar**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Nicholas Cutajar detentur tal-karta tal-identita` numru 107482(M).

Akkuzat talli nhar is-7 ta' Awwissu 2013, bejn it-20:00hrs u d-21:00hrs gewwa Triq Iz-Zugraga, Birkirkara:-
1. Volontarjament hassar, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta ghamel hsara fuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni LEX283 u sellatura tal-bieb number 26, Triq iz-Zugraga, Birkirkara, liema hsara ma tkunx tiskorri l-elf mija u erbgha u sittin Ewro u

disgha u sittin centezmu (1,164.69), imma tkun izjed minn mija u sittax-il Euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47) ghad-detriment ta’ Alexia Cutajar;

2. Bl-imgieba tieghu kkaguna lil Alexia Cutajar u Rita Ciantar biza’ li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-proprjeta` taghhom;

3. Ta fastidju lil Alexia Cutajar u Rita Ciantar b’mod li ken jaf jew li missu kien jaf li dan ikun ta’ fastidju ghal dik il-persuna;

4. Ghamel lil Alexia Cutajar u Rita Ciantar ingurji jew theddid, jew jekk kien ipprovokat hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni; u

5. Talli volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u glied jew mod iehor u talli qal kliem oxxeni jikkonsisti f’dagha fil-pubbliku

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex f’kaz ta’ htija tipprovdi sigurta` ghal skop ta’ protezzjoni ta’ Alexia Cutajar u Rita Ciantar taghha taht l-Artikolu 412C; u

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti pprezenati; inkluz il-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja u l-fedina penali tal-imputat hija netta; u

Rat li l-imputat irregistra ammissjoni ghall-akkuzi kif dedotti kotnrih u l-konferma ta’ tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista’ jirregola ruhu.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 325 1(b), 251A, 251B, 338(dd) u 339(d) tal-Kodici Kriminali, u wara li l-imputat gia` hallas is-somma ta’ mija u hamsin Ewro (€150) lill-parte civile bhala danni lill-istess parte civile u

din minn somma akbar ta’ mitejn u ghaxar Ewro (€210), qed issib lill-imputat Nicholas Cutajar hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih, u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 qeghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkomettix reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum, filwaqt li tordna li jhallas ir-rimanenti sittin Ewro (€60) fi zmien sitt xhur mil-lum.

Qeghda tohrog ukoll protection order a bazi tal-Artikolu 412C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u dan a favur taz-zewg partijiet-civili liema digriet ghandu jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Finalment, spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------